32004R0443

L 72/52 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 11.3.2004

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 443/2004

ta' l-10 ta' Marzu 2004

li jiffissa obligi ta' konsenja għal zokkor tal-kannamiela li għandu jkun importat taħt il-Protokoll ACP u l-Ftehim ma l-Indja għall-perjodu ta' konsenja 2003/2004

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nmr 1260/2001 tad-19 ta' Ġunju 2001 dwar l-organizzazzjonijiet komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nmr 1159/2003 tat-30 ta' Ġunju 2003 li jispeċifika regoli dettaljati ta' l-applikazzjoni għas-snin tas-swieq 2003/2004, 2004/2005 u 2005/2006 għal importazzjoni taz-zokkor tal-kannamiela taħt ċerti kwoti ta' tariffi u ftehim preferenzali w emendat Regolament (KE) Nmr 1464/95 u (KE) Nmr 779/96 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 9 ta' Regolament (KE) Nmr 1159/2003 tispeċifika r-regoli dettaljati li jaqgħu taħt kodiċi CN 1701, espress f'ekwivalenti ta' zokkor abjad, għal importazzjoni li toriġina f'pajjiżi li huma firmatarji tal-Protokoll ACP u fl-Indja.

(2) L-applikazzjoni ta' l-Artikoli 3 u 7 tal-Protokoll ACP, l-Artikolu 3 u 7 tal-Ftehim ma l-Indja u l-Artikoli 11 u 12 ta' Regolament (KE) Nmr 1159/2003 waslu lill-Kummissjoni tispeċifika l-obbligi ta' konsenja għal 2003/2004, bil-kalkolazzjoni b'mod partikolari tad-differenza għal kull pajjiż bejn l-ammont ta' konsenja obligatorja u l-kwantitajiet li kienu propjament importati matul perjodi ta' konsenja li għaddew,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-obligi tal-konsenja għal importazzoni li toriġina mill-pajjiżi li huma firmatarji tal-Protokoll ACP u fl-Indja fejn għandhom x'jaqsmu prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi CN 1701, espresso f'zokkor abjad ekwivalenti, fil-perjodu ta' konsenja 2003/2004 għal kull pajjiż esportatur, huma hawnhekk iffissati skond l-Anness hawnhekk.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' Marzu 2004.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 178, tat-30.6.2001, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat minn Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nmr 39/2004 (ĠU L 6, ta' l-10.1.2004, p. 16).

[2] ĠU L 162, ta' l-1.7.3, p. 25.

L-ANNESS

Il-kwantitajiet ta' obligi tal-konsenja għal importazzjoni ta' zokkor preferenzali li joriġina f'dawk il-pajjiżi li huma firmatarji tal-Protokoll ACP u fl-Indja għaż-żmien ta' konsenja 2003/2004, espress f'tunnellati metriċi ta' zokkor abjad ekwivalenti, għandhom ikunu:

ACP Protokoll/l-Indja Pajjiż li ffirma l-Ftehim	Obligazzjonijiet tal-konsenja 2003/2004
Barbados	50 641,21
Beliże	38 977,79
Il-Kongo	10 186,10
Fiġi	161 123,25
Gujana	153 799,11
L-Indja	10 000,00
Ix-Xatt ta' l-Avorju	10 186,10
il-Ġamajka	118 695,13
Il-Kenja	0,00
il-Madagaskar	18 815,50
il-Malawi	20 564,84
il-Mawrixjus	484 278,72
St Kitts u Nevis	8 804,51
Is-Surinam	0,00
Sważiland	111 298,16
Tanżanija	10 189,35
Trinidad u Tobago	42 054,47
Uganda	0,00
Żambja	0,00
Żimbabwe	29 799,89
Total	1 279 414,12